

Brussell, 5 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9691/18

JAI 581
SIRIS 59
CT 107
ENFOPOL 298
COTER 69
COMIX 298
FRONT 159
COSI 138

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Ġunju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8974/18
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) għat-trattament ta' persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu, inkluż il-ġellieda terroristi barranin - konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) għat-trattament ta' persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu, inkluż il-ġellieda terroristi barranin, adottati mill-Kunsill fit-3622 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Ġunju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) għat-trattament ta' persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu, inkluż il-ġellieda terroristi barranin

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li t-theddida terroristika kibret u evolviet b'mod mgħaġġel f'dawn l-aħħar snin, u tirrikjedi miżuri adegwati mhux biss fil-livell nazzjonali, iżda wkoll fil-livell tal-Unjoni,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI, fid-dawl tal-attakki terroristiċi fl-Ewropa f'dawn l-aħħar snin, il-ħtieġa ta' implimentazzjoni rapida tal-istrumenti fil-livell tal-UE, bħad-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġellieda kontra t-terroriżmu¹, li tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri bl-għodod adegwati għall-prevenzjoni, is-sejbien, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi, u l-valur miżjud li jiġu identifikati x-xejra tal-ivvjaġġar u l-konnessjonijiet ta' persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu, inkluż il-ġellieda terroristi barranin u dawk li jirritornaw, abbażi ta' hits fis-SIS,

FILWAQT LI JQIS li l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020² jidentifikaw l-indirizzar u l-prevenzjoni tat-terroriżmu bħala prijorità għas-snin li ġejjin, b'attenzjoni speċjali lill-kwistjoni tal-ġellieda terroristi barranin,

FILWAQT LI JENFASIZZA li r-Regolament (UE) 2017/458 tal-15 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar it-tisħiħ tal-verifiki fuq il-fruntieri esterni ma' bażijiet tad-data rilevanti³, jipprevedi verifiki sistematiċi fuq il-persuni kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni, inkluż l-individwi li jgawdu mid-dritt ta' moviment ħieles billi jiġu kkonsultati l-bażijiet ta' data rilevanti, b'mod partikolari permezz tal-konsultazzjoni obbligatorja tas-SIS,

¹ ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6

² 9798/15

³ ĠU L 74, 18.3.2017, p. 1

FILWAQT LI JQIS il-valur ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali attwali u tal-kooperazzjoni biex jiġu miġġielda l-attivitajiet terroristiċi,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-isfidi li jiffaċċjaw l-awtoritajiet kompetenti meta jindirizzaw it-terroriżmu f'dan il-kuntest huma tnejn: l-ewwel nett, l-identifikazzjoni u r-rintraċċar tal-movimenti tal-ivvjaġġar tal-persuni identifikati li kienu involuti fit-terroriżmu jew l-attivitajiet relatati mat-terroriżmu tul il-fruntieri esterni tal-UE u fi ħdan l-UE; it-tieni nett, li jiġi żgurat ukoll l-iskambju effettiv ta' informazzjoni u t-teħid tal-miżuri rilevanti,

FILWAQT LI JFAKKAR li s-SIS hija l-akbar sistema tal-IT, dik l-aktar użata u l-aktar effiċjenti tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, u hija appoġġata min-netwerk ta' Uffiċċji SIRENE, u dan jipprovdu valur miżjud sinifikanti fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u tal-kontroll tal-fruntieri,

FILWAQT LI JINNOTA li biex isir użu aħjar tas-SIS għall-finijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, jenħtieġ li l-informazzjoni disponibbli rilevanti timtela meta jiddaħħlu l-allerti skont l-Artikolu 36 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)⁴ (minn hawn 'il quddiem l-"Artikolu 36"),

B'KONT MEĦUD li r-Regolament il-ġdid dwar l-użu tas-SIS għall-fini ta' kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, li qed jiġi nnegozjat bħalissa⁵, ser ikompli jsaħħaħ il-kapaċitajiet tas-SIS b'rabta mas-sejbien, il-monitoraġġ u r-reazzjoni għal movimenti tal-ivvjaġġar ta' persuni involuti fit-terroriżmu jew l-attivitajiet relatati mat-terroriżmu,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-"Pjan Direzzjonali għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni inkluż soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni"⁶, u b'mod partikolari l-azzjoni tiegħu 23 (30), li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw *"li informazzjoni dwar il-ġellieda terroristi barranin tittella' fis-sistemi u pjattaformi Ewropej b'mod konsistenti u sistematiku, u tiġi sinkronizzata fejn possibbli"* billi jimplimentaw *"approċċ konsistenti ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni fuq tliet livelli dwar FTF bl-użu ottimali u konsistenti tad-data tas-SIS u tal-Europol li l-Europol tipproċessa għall-kontroverifika u għall-analiżi fil-Proġetti ta' analiżi rilevanti"*,

⁴ ĠU L 205 tas-7.8.2007, p. 63

⁵ Ara 15814/16; 14116/17

⁶ 12223/3/17 REV3 u 14750/17 - aġġornament b'segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni fuq tliet livelli jikkomplementa l-għodod eżistenti disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u potenzjalment jinterrompu l-movimenti tal-ivvjaġġar ta' persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu, inkluż il-ġellieda terroristi barranin permezz ta' allerti rilevanti fis-SIS, eż. l-arrest, l-irtirar ta' dokumenti tal-ivvjaġġar invalidi, il-verifiki diskreti u speċifiċi,

FILWAQT LI JQIS li, mill-5 ta' Marzu 2018, l-identifikazzjoni awtomatizzata ta' persuni abbażi tal-marki tas-swaba' tagħhom saret possibbli permezz tal-integrazzjoni tal-komponent ta' Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) fis-SIS, u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jagħmlu użu minn din il-funzjonalità l-ġdida,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-prinċipju ta' sjieda tad-data huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-awtoritajiet responsabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz tas-SIS u s-SIRENE u mal-Europol,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-valur ta' skambju ta' informazzjoni post-hit, fejn xieraq, u biex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaciċitajiet analitiċi, u FILWAQT LI JENFASIZZA li dan mhux biss jeħtieġ l-involviment ta' awtoritajiet kompetenti nazzjonali oħra iżda wkoll ta' kontroverifika ma' bażijiet tad-data u sistemi ta' informazzjoni rilevanti oħrajn⁷,

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-hteġa li jsir użu sħiħ mill-kapaciċitajiet tal-Europol b'appoġġ lill-Istati Membri fit-twettiq ta' analiżijiet operattivi u tematiċi, filwaqt li jsir użu sħiħ mill-proġetti ta' Analiżi bħal "Travellers" u "Hydra", is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol u għodod oħra għad-dispożizzjoni taċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA r-Regolament (UE) 2016/1624⁸ li jassenja responsabbiltajiet fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu lill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta,

⁷ Il-bażijiet tad-data nazzjonali rilevanti, id-data tal-Europol, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR), il-bażi tad-data tal-Interpol ta' *Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqa u Mitlufa* (SLTD), is-Sistema futura ta' Dħul/Ħruġ (EES) u s-Sistema Ewropea ta' nformazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)

⁸ ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TAL-importanza kruċjali li jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn ir-rekwiżiti tal-politika tas-sigurtà interna tal-UE, minn naħa waħda, u l-hteġa li tiġi garantita konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali, min-naħa l-oħra, inkluż dawk relatati mal-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni u l-prinċipji ta' neċessità, proporzjonalità u legalità, u l-libertà ta' moviment fiż-żona Schengen,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-kriterji indikattivi li jridu jitqiesu rigward l-iskambju u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar individwi li jivvjaġġaw minn u lejn żoni ta' kunflitt ġiħadisti li ntlaħaq qbil dwarhom f'Anness għall-Konklużjonijiet ta' Milan tas-7 ta' Lulju 2014⁹,

FILWAQT LI JISĦAQ fuq il-bżonn li ssir diskussjoni regolari dwar it-tagħlimiet miksuba u l-aħjar prattiki, inkluż fi ħdan il-korpi preparatorji tal-Kunsill,

IL-KUNSILL,

FILWAQT LI JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI:

- Sabiex jieħdu l-passi xierqa biex:
 - jimplimentaw b'mod sħiħ il-miżuri diġà miftiehma u jipprovdu r-riżorsi tekniċi u umani adegwati għal dan il-għan, b'mod partikolari lill-Uffiċċji SIRENE;
 - jirriflettu b'mod korrett il-kategoriji tal-individwi kif definiti fil-katalgu tal-Aħjar Prattiki¹⁰ meta jimlew il-formoli skont l-Artikolu 36 tas-SIS għall-fini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu;

⁹ Ara d-dokument 7412/16 dwar l-Osservazzjonijiet tal-Presidenza, abbażi ta' diskussjonijiet preċedenti, dwar it-tisħiħ tas-Sistemi ta' Informazzjoni/Skambju ta' Informazzjoni, speċjalment is-SIS.

¹⁰ RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI li tistabbilixxi katalgu ta' rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki għall-applikazzjoni korretta tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jimplimentaw u jużaw is-SIS II u li jissostitwixxi l-katalgu stabbilit bir-rakkomandazzjoni tas-16 ta' Diċembru 2015 (C(2018) 2161 tas-17 ta' April 2018).

- Sakemm ma jkunx hemm raġunijiet legali jew operattivi li jkunu jeħtieġu xort'oħra, jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti dwar persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu, inkluż il-ġellieda terroristi barranin, tiġi pprovduta fl-allert skont l-Artikolu 36 u fuq il-formoli SIRENE xierqa f'kull każ rilevanti f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI;
- Jiżguraw li l-awtorità/jiet kompetenti nazzjonali li toħroġ/joħroġu l-allert u l-Istat Membru fejn isseħħ il-hit jiskambjaw l-informazzjoni addizzjonali permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni xierqa u jiddeċiedu każ b'każ sa liema punt l-informazzjoni għandha tkompli tiġi disseminata aktar lil Stati Membri oħra, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji tas-sjieda tad-data;
- Ikomplu bl-isforzi biex ikomplu jiżviluppaw l-ġhodod u l-programmi nazzjonali ta' taħriġ xierqa għall-utenti finali tas-SIS sabiex ir-rappurtar dwar hits rigward l-allerti skont l-Artikolu 36 lill-Uffiċċji SIRENE jsir b'mod rapidu u mingħajr xkiel;
- Sakemm ir-raġunijiet legali jew operattivi ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, jikkondividu l-informazzjoni dwar persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu miżmuma fil-formoli ta' rappurtar dwar hits tas-SIRENE mal-Europol. Dan ser jippermetti kontroverifiki u, jekk jitqies xieraq, analiżijiet operattivi u/jew tematiċi, sabiex jitkompla l-immappjar tax-xejriet tal-ivvjaġġar u/jew l-analiżi tal-konnessjonijiet possibbli tal-individwu/i illokalizzat(i);

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

- Jesploraw u jiżviluppaw aktar proċeduri komuni għal hits dwar persuni involuti f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu li jirrikjedu "rappurtar immedjat";

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

- Tiddetermina, bil-parteċipazzjoni attiva u l-qbil ta' esperti mill-Istati Membri, prattiki tajba f'termini ta' proċeduri ta' segwitu għal hits dwar persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu, inkluż il-ġellieda terroristi barranin skont l-Artikolu 36; tinkorporahom fil-Katalogu tal-Aħjar Prattiki tas-SIS/SIRENE u temenda l-Manwal SIRENE, jekk ikun meħtieġ;

JISTIEDEN LILL-EUROPOL BIEX:

- Tagħmel użu sħiħ mid-drittijiet attwali tagħha ta' aċċess għas-SIS, il-VIS u l-Eurodac, bl-għan li tittejjeb l-interoperabbiltà, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali u r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data;
- Tiggarrantixxi lill-Istati Membri d-disponibbiltà f'waqtha tal-QUEST, bl-għan li tittejjeb l-interoperabbiltà;
- Iżżid l-isforzi biex jiġu identifikati xejriet tal-ivvjaġġar u l-konnessjonijiet ta' persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu u biex ir-riżultat ta' dawn l-isforzi jiġi kondiviż mal-Istati Membri;

JISTIEDEN LILL-AĠENZJA EWROPEA GĦALL-GWARDJA TAL-FRONTIERA U TAL-KOSTA (FRONTEX) BIEX:

- Tiżviluppa programmi ta' taħriġ u tagħti korsijiet ta' taħriġ lill-gwardji tal-fruntieri li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-verifiki mal-bażijiet tad-data rilevanti fil-fruntieri esterni u l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' indikaturi komuni tar-riskju;

JISTIEDEN LIS-CEPOL BIEX:

- Tkompli tiżviluppa programmi ta' taħriġ għall-utenti aħħarin tas-SIS, abbażi tal-Manwal SIRENE u l-Katalgu tal-Aħjar Prattiki, dwar is-suġġett ta' persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu, inkluż il-għallieda terroristi barranin, li huma soġġetti għal allerti fis-SIS.